# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 259/2017

Seduta tal-

**Il-Pulizija**

**vs**

**Charlene Curmi**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellata, Charlene Curmi, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 592283M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-28 ta' Marzu, 2016 ghall-habta ta' 13:10hrs u fil-gimghat ta' qabel fi Triq Dun Karm, Birkirkara u f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisret l-istess disposizzjoni tal-ligi u kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat (Kap 9 Artiklu 18):

1. Ghamlet, ordnat jew gieghlet li jsir tibdil fil-body, inkluz kemm jistghu jitghabbew passigieri bilqieghda jew l-arrangament tas-sedili tal-passigieri, jew xi tibdil mekkaniku fix-chassis jew fil-magna ta' xi vettura bil-mutur minghajr l-approvazzjoni miktuba ta' l' Awtorita';

2.Minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorita', ziedet in-numru tas-sedili fil-vettura, biddlet jew wettqet xi tibdil fil-vettura li ma kienux imnizzla fic-certifikat tar-registrazzjoni;

3. Bil-hsieb li tevadi t-taxxa ta' registrazzjoni dovut jew li tista ssir dovuta, naqset milli taghti xi avviz minn dawk li jista' jinhtieg li jaghti skont l-artikolu 4 jew 10(1) tal-Kap 368 jew tat avviz bhal dak jew fi stqarrija li taghmel lill-Awtorita' ghall-ghanijiet ta' dan l-Att, taghrif li tkun taf li ma kienx korrett jew shih f'xi dettal materjali;

4. Saqet, gieghlet jew halliet l-imsemmija vettura u naqset li tinforma lill-Awtoritajiet ghat-Trasport f'Malta dwar it-tibdil fil-kulur tal-vettura, kif ukoll naqset li tipprezenta lill-Awtorita' c-certifikat ta' registrazzjoni biex isir it-tibdil mehtieg fih;

5. Bhala sid tal-vettura bil-mutur, wettqet jew ippermettiet lil xi persuna ohra twettaq xi addizzjoni, modifika jew addattament fir-rigward tal-vettura minghajr awtorizzazzjoni bil-miktub mill-Awtorita';

6. Bhala persuna ghamlet, jew naqset milli taghmel jew ippermettiet li jsir jew li naqset milli jsir xi haga jew xi att bil-hsieb li tevadi jew tipposponi l-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni kontra l-ligi.

Il-Qorti kienet mitluba li tordna l-konfiska bhala parti formanti mill-Corpus Delictus ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-

ligijiet ta' Malta, inoltre kif mitlub min Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-23 ta' Mejju, 2017 li illiberatha mill-imputazzjonijiet numru wiehed [1], tlieta [3], erbgha [4] u sitta [6] u sabitha hatja ta' dawk numru tnejn [2] u hamsa [5] u kkundannatha multa ta' €250.00 liema multa kellha tithallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' €50.00 fix-xahar, l-ewwel pagament kellu jsir fl-1 ta' Lulju, 2017, b'dan illi jekk ma jsirx il-hlas ta' xi wahda mir-rati, l-ammont shih li jkun fadal kellu jkun dovut u jithallas minnufih u fin-nuqqas ta' tali hlas, il-bilanc ta' l-ammont dovut kellu jkun awtomatikament konvertibbli fi prigunerija minghajr il-htiega ta' ebda att gudizzjarju iehor;

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Gunju, 2017, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi (a) **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn sabet lill-appellata hatja tal-imputazzjonijiet numru tnejn (2) u hamsa (5) u lliberatha minn dawk numru wiehed (1), tlieta (3), erbgha (4) u sitta (6); (b) tghaddi sabiex **tirrevokaha u thassarha** f'dik il-parti rigwardanti l-piena inflitta mill-Qorti u minflok tipprosegwi sabiex tinfliggi l-piena li hija fix-xorta jew kwantita' taghha kontemplata fil-ligi ghar-reati li taghhom l-appellata giet misjuba hatja;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell tal-Avukat Generali limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravami singolari li l-ewwel Qorti kkominat piena li ma kienitx fix-xorta jew fil-kwalita' rikjesta mil-ligi;

2. Minn dak li tista' tifhem il-Qorti, ghaliex ma tressqet ebda xhieda jew dokumentazzjoni quddiem il-Qorti tal-ewwel grad u wisq anqas allura ma setghu jitressqu xhieda f'din it-tieni istanza, l-appellata kienet ghamlet modifika temporanja ta' vettura, apparentement kummercjali, billi stallat fiha sedil u dan minhabba ragunijiet ta' sahha liema sedil eventwalment tnehha u l-vettura giet ghal li kienet originarjament. L-appellata kienet ammettiet ghal din l-imputazzjoni u dik li ippermettiet jew wettqet hi stess tali modifika minghajr l-awtorizazzjoni bil-miktub tal-Awtorita', dawk numru 2 u 5 rispettivament. L-Avukat Generali jargumenta illi l-appellata ma setghetx tkun ikkundannata ghal-multa ta' €250 meta l-piena kellha tkun l-akbar fost multa ta' mhux anqas minn €2500 u darbtejn l-ammont ta' taxxa perikolata;

3. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, din il-Qorti tosserva illi fit-termini tal-artikolu 22(1) tal-Kapitolu 368, " ma tista' timbeda ebda prosekuzzjoni ghal xi reat li jsir kontra dan l-Att kemm il-darba din ma ssirx mill-Awtorita' jew bl-approvazzjoni taghha". Din il-kwistjoni gia kienet dibattuta fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Fenech tal-15 t'Ottubru, 2013 fejn kien ritenut illi l-approvazzjoni ravvizata fil-ligi mhux rikjesta li ssir b'xi mod rigidu bhal Letter to Prosecute fil-Kaz tal-Kapitolu 37 u tal-Kap 406 basta li ssir b'xi mod. Fil-kaz hawn skrutinat mkien ma jirrizulta li c-citazzjoni tinhareg fuq talba tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta u hadd minn dik l-Awtorita' ma tressaq biex "b'xi mod" japprova l-proceduri kontra l-appellata. Dwar dan ma sarx appell mill-hatja u ghalhekk dan ma jistghax issa jkun aktar sindikat minn din il-Qorti;

4. Kwantu l-lanjanza mressqa, l-Avukat Generali teknikament ghandu ragun ghaliex la darba l-appellata kienet misjuba hatja bi ksur tal-subartikolu 21(g) tal-Kapitolu 368 "*minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorita' izid in-numru ta' sedili fil-vettura, ibiddel jew iwettaq xi tibdil fil-vettura li ma jkunux imnizzla fic-certifikat tar-registrazzjoni;"* . Kif gia rilevat *supra*, il-piena ghal tali ksur hija l-multa ta' mhux izjed minn €2500, jew daqs darbtejn l-ammont ta' taxxa ta' registrazzjoni f'perikolu, skont liema tkun l-aktar, jew ghal prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew ghal dik il-multa u prigunerija flimkien. It-taxxa perikolata logikament tinhadem billi tinsab id-differenza bejn it-taxxa originarjament mhallsa ossia dovuta fuq ir-registrazzjoni originali u dik attwalment dovuta li kieku r-registrazzjoni ssir fl-istat tal-vettura llum. Fi kliem iehor id-differenza bejn kemm suppost verament thallset taxxa u dik li fil-fatt thallset. Dik id-differenza raddobjata ghandha tirraprezenta l-piena kominabbli jekk tkun aktar mill-multa ta' mhux aktar minn €2500;

5. L-iskedi annessi mal-Kapitolu 368 imbaghad jipprovdu ghat-taxxa ta' registrazzjoni li hi dovuta ghall-kull kategorija u ghamla ta' vettura skond l-uzu, l-emmissjoni, l-kobor, cilindrata tal-magna u parametri ohra. Izda, kif gia osservat, quddiem l-ewwel Qorti ma xehed hadd. Kien jispetta lill-prosekuzzjoni tressaq dik il-prova tal-ammont ta' taxxa perikolata u certament ma ghandhiex tkun din il-Qorti jew dik tal-ewwel grad li taghmel hi il-kalkoli skond id-diversi Skedi aktar u aktar meta mill-atti processwali ma jemergi ebda dettall dwar il-vettura in kwistjoni ghajr li hi Land Rover. L-*ispecifications* tal-vettura naturalment jinsabu fic-certifikat tar-registrazzjoni taghha izda anqas dan ma huwa esebit u *mundo magis* kif tista' qatt din il-Qorti tasal biex taghmel l-kalkolu tat-taxxa perikolata minghajr dan it-tgharif?

6. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.